

Brussell, 8 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15234/24

EDUC 407
COMPET 1082
SOC 809

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Nagħtu spinta lill-ħiliet u l-kompetittività li jibqgħu validi fil-futur permezz tal- edukazzjoni għolja <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Presidenza ħejjiet in-nota ta' informazzjoni mehmuża, li qed tiġi ppreżentata bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tal-25 ta' Novembru 2024.

Nagħtu spinta lill-ħiliet u l-kompetittività li jibqgħu validi fil-futur permezz tal-edukazzjoni għolja

Nota ta' informazzjoni mill-presidenza

Nindirizzaw l-ispariġġ fil-ħiliet u d-diskrepanzi fil-ħiliet

Ir-rapport ta' Draghi tal-2024¹ jenfasizza li l-UE trid tindirizza b'urġenza d-diskrepanzi li għandha fil-ħiliet biex iżżomm u ssaħħaħ il-kompetittività tagħha fix-xena globali, peress li bħalissa l-Ewropa qed taqa' lura, b'mod partikolari meta mqabbla mal-Istati Uniti u ċ-Ċina. Ir-rapport jistqarr li l-progress insuffiċjenti fil-ħiliet bażiċi huwa ostaklu sinifikanti għall-bini ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati. Huwa jissottolinja wkoll li n-nuqqas ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet x'aktarx li jsir aktar akut maż-żmien. Il-projezzjonijiet għall-2035 jindikaw li n-nuqqas ta' ħaddiema ser ikun l-aktar evidenti f'impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet u mhux manwali – jiġifieri dawk li jeħtieġu livell għoli ta' edukazzjoni – xprunati minn ħtiġijiet ta' sostituzzjoni minħabba l-irtirar u l-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol. Ir-rapport jissuġġerixxi li din id-diskrepanza fil-ħiliet hija aggravata minn nuqqas ta' allinjament bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u d-domanda għall-ħaddiema, u qed ifixkel il-kapaċità tal-Ewropa li tikkompeti b'mod effettiv fl-ekonomija globali li qed tevolve b'ħeffa. Jidentifika oqsma kritiċi fejn il-forza tax-xogħol tal-Ewropa jeħtieġ li tissaħħaħ, b'mod partikolari fit-teknoloġiji diġitali, l-industriji ekoloġiċi u l-manifattura avvanzata. Billi tiffoka fuq inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, speċjalment f'dawn is-setturi strateġiċi, l-Ewropa tista' tibni forza tax-xogħol aktar kompetittiva, innovattiva u reżiljenti li kapaċi tixpruna t-tkabbir sostenibbli.

¹ Rapport dwar "Il-futur tal-kompetittività Ewropea", ippreżentat minn Mario Draghi fid-9 ta' Settembru 2024.

Ir-rapport ta' Draghi jargumenta favur approċċ Ewropew għall-iżvilupp tal-ħiliet, li jisfrutta l-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (HEIs), il-gvernijiet u s-settur privat. Jissuġġerixxi t-trawwim ta' sħubijiet transfruntiera qawwija li jorbtu l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ mal-ħtiġijiet tal-industrija. Billi jinkorporaw il-kontributi minn partijiet ikkonċernati differenti, l-Istati Membri jistgħu jirreaġixxu għad-domanda tal-ħiliet madwar l-Ewropa permezz tas-sistemi taġġhom tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan jippermetti lill-istudenti jiksbu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi essenzjali għas-suċċess fl-ekonomija globali. Ħiliet ġodda mhux biss itejbu l-kapaċitajiet professjonali iżda jikkontribwixxu wkoll b'mod sinifikanti għall-iżvilupp personali tal-individwi u jippermettulhom jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja.

L-UE nediet diversi inizjattivi ewlenin li għandhom l-għan li jindirizzaw l-iżvilupp tal-ħiliet, inkluż iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u l-Patt għall-Ħiliet. Il-programm Erasmus+ u programmi oħra ta' skambju nazzjonali u reġjonali wkoll jaqdu rwol vitali fl-iżvilupp tal-ħiliet billi jiffinanzjaw proġetti ta' mobbiltà u ta' kooperazzjoni li jżidu l-opportunitajiet ta' tagħlim f'pajjiżi differenti.

Il-lawrja Ewropea ppjanata

Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni², il-lawrja Ewropea ppjanata tgħin ukoll biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-ħiliet billi trawwem l-iżvilupp ta' programmi ta' lawrji konġunti allinjati mill-qrib mal-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol madwar l-Istati Membri. Il-lawrja Ewropea tipprova tippermetti l-akkomunament ta' riżorsi u għarfien espert, filwaqt li toffri lill-istudenti aċċess għal ħiliet u għarfien avvanzati li huma kruċjali f'setturi emerġenti bħat-teknoloġiji ekoloġiċi u l-industriji diġitali. Id-definizzjoni preċiża tal-kriterji għal-lawrja Ewropea proposta, pereżempju f'termini ta' rilevanza għas-suq tax-xogħol, għad trid tiġi stabbilita mill-Kunsill. Fid-diskussjonijiet li saru bħala parti mill-proċess ta' kokreazzjoni għal lawrja Ewropea possibbli ssemew ir-relazzjoni mal-Proċess ta' Bologna, l-aspetti interni u esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità, u l-iżvilupp tal-inizjattivi proposti minħabba l-kompetenzi nazzjonali. Hemm il-ħtieġa ta' aktar deliberazzjoni, speċjalment fid-dawl, fost l-oħrajn, tar-rapport dwar l-eżiti finali tal-proġetti ta' sperimentazzjoni tal-politika tal-Erasmus+ dwar tikketta ta' lawrja Ewropea u status legali Ewropew possibbli għal alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Madankollu, sabiex tindirizza b'mod sħiħ l-ispariġġ fil-ħiliet u d-diskrepanzi fil-ħiliet, l-Ewropa teħtieġ id-diversità ta' programmi konġunti ta' lawrji doppji u ta' mobbiltà vitali u azzjonijiet ta' skambju b'rikonoxximent sħiħ tal-krediti għall-istudenti kollha. Il-kwistjoni tal-finanzjament tal-lawrja Ewropea possibbli – kemm għall-HEIs kif ukoll għall-istudenti – hija kruċjali wkoll mil-lat tal-kompetittività u jeħtieġ li tiġi diskussa bir-reqqa. Il-vijabbiltà finanzjarja fit-tul u l-għoti ta' opportunitajiet indaqs għall-HEIs kollha huma kruċjali biex jiġi żgurat tkabbir soċjoekonomiku ġust u inklużiv fl-Ewropa.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2024 dwar pjan ta' azzjoni għal lawrja Ewropea (COM (2024) 144 final).

Nappoġġaw l-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja biex tissaħħaħ il-kompetittività

Ir-rapport ta' Draghi jenfasizza li, minkejja li għandha pedament edukattiv sod, l-Ewropa batiet biex tisfrutta dan il-potenzjal għat-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Barra minn hekk, ir-rapport jenfasizza li filwaqt li l-Ewropa teċċella fil-livell edukattiv miksub b'mod ġenerali – bi proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni li għandha lawrji ta' edukazzjoni għolja – dan mhux biżżejjed f'termini ta' produzzjoni ta' gradwati b'livell għoli ta' ħiliet f'oqsma kritiċi bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerinjerija u l-matematika (STEM). L-HEIs Ewropej għandhom il-potenzjal li jgħammru lill-istudenti b'ħiliet mill-aktar avvanzati u jrawmu l-innovazzjoni. Ir-rapport ta' Draghi jirrakkomanda li jiżdied l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u li jinħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni li jagħmlu konnessjoni bejn l-HEIs, in-negozji ġodda u l-industrija. Dawn l-ekosistemi jippermettu lill-HEIs jaġixxu bħala ċentri għall-avvanz teknoloġiku, li jwasslu għal skoperti f'oqsma bħall-IA, l-enerġija ekoloġika u l-bijoteknoloġija. Billi tibdel l-HEIs Ewropej f'ċentri mill-aktar avvanzati ta' riċerka u ta' attività intraprenditorjali, l-UE tista' trawwem l-iskoperti fit-teknoloġija li mhux biss isaħħu l-kompetittività globali iżda joħolqu wkoll impjegi ta' valur għoli u jattiraw it-talent.

Barra minn hekk, inizjattivi tal-UE bħall-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u l-programmi Erasmus+ u Orizzont Ewropa huma strumentali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali, li tippermetti lill-HEIs jikkondividu l-aħjar prattiki, riżorsi u metodi ta' taġlim innovattivi. Il-kollaborazzjoni tranżnazzjonali mhux biss ittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ iżda tgħin ukoll biex tiġi kkultivata forza tax-xoġhol diversa u adattabbli essenzjali biex tmexx l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku fl-UE. Din l-interazzjoni dinamika bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-industrija tista' ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-HEIs biex jaqdu rwol ċentrali fit-tiswir ta' ekonomija tal-UE kompetittiva u reżiljenti, li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi tal-futur.

Fid-dawl tal-informazzjoni ppreżentata, il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex iqisu l-mistoqsijiet ta' hawn taħt għal diskussjoni dwar is-suġġett.

1. Kif nistgħu nagħtu spinta lill-ħiliet u l-kompetittività li jibqgħu validi fil-futur permezz tal-lawrja Ewropea ppjanata?
2. Kif jistgħu l-istituzzjonijiet Ewropej tal-edukazzjoni għolja jiġu appoġġati biex isiru muturi li jmexxu l-kompetittività tal-UE fil-livell globali?